MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 589/2017 LM

**Joseph Gauci (K.I. Numru 200957M), Dennis Mark Gauci (K.I. Numru 387484M), Aldo Zammit (K.I. Numru 112674M), u Brian Farrugia (K.I. Numru 608581M) f'isimhom proprju u bħala soċji fid-ditta ta' *Accountants* u Udituri Pubbliċi KSi Malta**

***vs.***

**Trebee Company Limited (C 45998)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2017 mill-atturi **Joseph Gauci, Dennis Mark Gauci, Aldo Zammit u Brian Farrugia, f'isimhom proprju u bħala soċji fid-ditta ta' *Accountants* u Udituri Pubbliċi KSi Malta,** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Joseph Gauci (K.I. numru 200957M), li jgħid kif ġej:

1. *Illi s-soċjetà intimata hija debitriċi tal-esponenti rikorrenti fis-somma ta' dsatax-il elf, ħames mija u tlieta u ħamsin Euro u tmienja u sebgħin euro ċentezmi (€19,553.78) import u valur ta' xogħol professjonali prestat lilha u esegwit mir-rikorrenti esponenti, liema import u valur illum jinsab dovut u eżiġibbli;*
2. *Illi s-soċjetà intimata inkarigat lir-rikorrenti esponenti sabiex jipprestawlha servizzi professjonali ta'* accountancy*, ta' konsulenza, ta' amministrazzjoni u uditjar, liema servizzi ġew debitament esegwiti mir-rikorrenti esponenti u għal liema servizzi inħarġu l-fatturi relattivi, liema fatturi baqgħu ma tħallsux u illum is-soċjetà intimata għandha tagħti lir-rikorrenti esponenti s-somma ta' dsatax-il elf, ħames mija u tlieta u ħamsin Euro u tmienja u sebgħin euro ċentezmi (€19,553.78) apparti l-imgħaxijiet legali li ddekorrew u li għadhom qegħdin jiddekorru u jibqgħu jiddekorru sal-effettiv pagament;*
3. *Illli minkejja li kellha tħallas l-import u l-valur fuq indikat, is-soċjetà intimata baqgħet ma ħallsitx dan l-import u valur flimkien mal-imgħaxijiet legali li ddekorrew u li għadhom u jibqgħu jiddekorru sal-effettiv pagament anke jekk ġiet mitluba sabiex tagħmel dan diversi drabi;*
4. *Illi fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti esponenti ma jibqalhomx xelta oħra għajr li jipproċedu sabiex jitolbu kundanna għall-ħlas tal-ammont lilhom dovut.*

*Għalhekk l-esponenti rikorrenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi jogħġobha:*

(1) *Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas is-somma ta' dsatax-il elf ħames mija u tlieta u ħamsin Euro u tmienja u sebgħin euro ċentezmi (€19,553.78) import u valur ta' servizzi professjonali ta'* accountancy*, ta' konsulenza, ta' amministrazzjoni u uditjar, liema servizzi ġew debitament esegwiti mir-rikorrenti esponenti u għal liema servizzi nħarġu l-fatturi relattivi, liema fatturi baqgħu ma tħallsux u għalhekk is-somma fuq imsemmija tinsab dovuta u eżiġibbli; u*

(2) *Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas l-imgħaxijiet legali dekorsi u għalhekk dovuti kwantu l-imsemmija somma u dan mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali tat-30 ta' Mejju 2016 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentati kontestwalment mal-imsemmija ittra uffiċjali u tal-mandati kawtelatorji ta' Sekwestru u ta' Qbid kontra s-soċjetà intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa mressqa mis-soċjetà konvenuta **Trebee Company Limited** (C 45998) ippreżentata fit-18 ta' Lulju, 2017, li permezz tagħha Pierre Buontempo (K.I. numru 311370M), in rappreżentanza tal-istess soċjetà konvenuta eċċepixxa:

1) *Illi fl-ewwel lok it-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jippruvaw it-talba tagħhom stante illi l-ebda ammont ma hu dovut mis-soċjetà esponenti;*

2) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk hemm xi ammont dovut, ċertament mhux dak mitlub mir-rikorrenti stante illi huwa ammont eċċessiv u mhux dovut fl-interità tiegħu;*

3) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni tal-atturi hija intempestiva stante illi x-xogħol li tqabbdu jagħmlu għadu ma ġiex ikkompletat u għaldaqstant l-azzjoni hija vessatorja fin-natura tagħha kif ser jiġi ppruvat fit-trattazjoni ta' din il-kawża;*

4) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk hemm xi ammont dovut, dan diġà ġie paċut ma' ammonti akbar dovuti lis-soċjetà intimata kif jidher mill-kontro-talba tal-istess soċjetà u mit-trattazzjoni ta' din il-kawża u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

5) *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonata **Trebee Company Limited** (C 45998), ippreżentata flimkien mar-Risposta Maħlufa tagħha, li ġiet maħlufa minn Pierre Buontempo (K.I. numru 311370M), in rappreżentanza tal-istess soċjetà konvenuta, li tgħid kif ġej:

*Illi s-soċjetà intimata qed tipprevalixxi ruħha mill-azzjoni tal-atturi sabiex tippreżenta l-kontro-talba tagħha skont l-Artikolu 396(b) tal-Kap. 12.*

1) *Illi s-soċjetà intimata wettqet diversi xogħlijiet ta' kostruzzjoni hekk kif rikjesti mid-ditta KSi Malta, Joseph Gauci u Dennis Gauci fil-proprjetajiet tal-istess Joseph Gauci u Dennis Gauci;*

2) *Illi ta' dawn ix-xogħlijiet li twettqu, is-soċjetà attriċi ma tħallsitx tagħhom u għadu pendenti l-ammont ta' tnejn u tmenin elf, mija u ħamsin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€82,150.36);*

3) *Illi minkejja dan id-debitu ġie rikonoxxut mir-rikovenzjonanti kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, huma baqgħu ma ħallsux l-ammont dovut minnhom u għaldaqstant għadhom jiddekorru l-imgħaxijiet legali fuq l-ammont pendenti.*

*Għaldaqstant is-soċjetà esponenti qed titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara illi l-atturi rikonvenzjonanti huma d-debituri tas-soċjetà Trebee Company Limited fl-ammont ta' tnejn u tmenin elf, mija u ħamsin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€82,150.36);*

2. *Tordna lill-istess atturi rikonvenzjonanti jħallsu l-ammont ta' bl-interessi mid-data tal-fatturi relattivi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi rikonvenzjonanti minn issa inġunti in subizzjoni, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-atturi rikonvenuti għat-talba ta' Trebee Company Limited (C 45998), li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Awwissu, 2017 minn Joseph Gauci, li biha eċċepixxa:

*Jesponu bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Joseph Gauci jikkonferma:*

1. *Preliminarjament l-azzjoni rikonvenzjonali hija perenta għat-tenur tal-Artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili – Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti, Pierre Buontempo għandu jipprova li għandu r-rappreżentanza meħtieġa sabiex jikkonferma l-kontenut tat-talbiet rikonvenzjonali għan-nom tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti u f'każ li dan ma jseħħx allura tiġi dikjarata n-nullità tat-talbiet rikonvenzjonali;*

3. *Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn id-ditta ta' accountants u udituri pubbliċi KSi Malta u bejn Dennis Mark Gauci, Aldo Zammit u Brian Farrugia u s-soċjetà intimata rikonvenzjonanti kwantu għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni li dwarhom qiegħed jintalab il-ħlas pretiż u reklamat fit-talbiet rikonvenzjonali;*

4. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'mod subordinat għall-eċċezzjoni preċedenti, teżisti vertenza bejn Joseph Gauci f'ismu proprju u s-soċjetà konvenuta rigward xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'sit fix-Xgħajra, iżda kif sejjer jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti naqset milli tesegwixxi x-xogħlijiet li għalihom ġiet ikkuntrattata u dawk il-ftit xogħlijiet li esegwiet saru ħażin u mingħajr sengħa u arti tant li Joseph Gauci inkorra danni u spejjeż sabiex jiġu rranġati dawn in-nuqqasijiet kif sejjer jiġi muri fil-kors tas-smigħ tal-kawża. Jingħad ukoll illi s-soċjetà konvenuta tħallset ta' dawk ix-xogħlijiet li laħqet wettqet. Konsegwentement kull talba marbuta mal-imsemmija xogħlijiet ta' kostruzzjoni għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta;*
5. *In ogni każ, trid tinġab prova tal-ammont allegatament dovut.*
6. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Jannar 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Fil-5 ta' Frar, 2018 l-atturi ppreżentaw nota ta' ċessjoni[1] fejn ċedew it-talbiet tagħhom fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, għalkemm is-soċjetà konvenuta

[1] *A fol.* 21 tal-proċess.

rikonvenzjonata vverbalizzat li hija kienet għadha interessata fil-prosegwiment tal-kontrotalba tagħha fil-konfront tal-atturi. Permezz tar-rikors promutur imressaq minnhom, l-atturi oriġinarjament kienu qegħdin ifittxu lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas ta' diversi servizzi professjonali mogħtija minnhom u li għalihom inħarġu l-fatturi relattivi, li qalu li s-soċjetà konvenuta baqgħet ma ħallsitx tagħhom. L-ammont pretiż mill-atturi kien ta' dsatax-il elf, ħames mija u tlieta u ħamsin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€19,553.78), li l-atturi qalu li kienu dovuti lilhom għal servizzi professjonali ta' *accountancy,* konsulenza, amministrazzjoni u uditjar. L-atturi qalu li minkejja li s-soċjetà konvenuta ġiet interpellata għall-ħlas diversi drabi, din xorta waħda baqgħet ma ħallsitx dak dovut minnha, u għalhekk istitwew din l-azzjoni li permezz tagħha talbu lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tas-somma ta' dsatax-il elf, ħames mija u tlieta u ħamsin Euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€19,553.78), flimkien mal-imgħaxijiet dovuti mid-data tal-ħruġ tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv.

Is-soċjetà konvenuta eċċepiet l-infondatezza tat-talbiet attriċi, u qalet li dawn it-talbiet kellhom jiġu ppruvati. Ġie eċċepit ukoll li f'każ li kien hemm xi ammont dovut minnha, dan ma kienx dak pretiż mill-atturi, filwaqt li qalet li l-ammont pretiż mill-atturi huwa wieħed eċċessiv u mhux dovut fl-interità tiegħu. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll li l-azzjoni attriċi hija intempestiva minħabba li x-xogħol kien għadu ma ġiex esegwit mill-atturi fl-interità tiegħu, u għalhekk din l-azzjoni tagħhom hija waħda vessatorja.

Is-soċjetà konvenuta ressqet ukoll kontrotalba, fejn qalet li hija wettqet diversi xogħlijiet ta' kostruzzjoni li bbenefikaw minnhom l-atturi, u li għal dan ix-xogħol hija baqgħet ma tħallsitx. Il-konvenuta rikonvenzjonata qalet li huwa dovut lilha

l-ammont ta' tnejn u tmenin elf, mija u ħamsin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€82,150.36), u minkejja li l-atturi rrikonoxxew dan id-debitu, dawn baqgħu ma ħallsux dak dovut minnhom. Permezz tal-kontrotalba tagħha, is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonata qiegħda titlob li jiġi dikjarat li l-atturi huma debituri tagħha fl-ammont ta' tnejn u tmenin elf, mija u ħamsin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€82,150.36), u qiegħda titlob ukoll lill-Qorti tordnalhom iħallsu dan l-ammont flimkien mal-imgħaxijiet dovuti. Huwa proprju dan il-mertu tal-vertenza odjerna in vista li ġew ċeduti t-talbiet tal-atturi.

L-atturi rikonvenzjonati wieġbu li preliminarjament din l-azzjoni hija perenta *ai termini* tal-artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll trid tinġieb prova li Pierre Buontempo għandu r-rappreżentanza meħtieġa sabiex ikun jista' jressaq it-talbiet rikonvenzjonali. Intqal ukoll li m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà attriċi u Dennis Mark Gauci, Aldo Zammit u Brian Farrugia, min-naħa l-waħda, u l-konvenuta rikonvenzjonanti min-naħa l-oħra, rigward l-imsemmi xogħol ta' kostruzzjoni. L-atturi rikonvenzjonati wieġbu wkoll li għad hemm vertenza pendenti bejn l-attur Joseph Gauci u s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti dwar xogħol ta' kostruzzjoni f'sit fix-Xgħajra, li l-konvenuta naqset milli teżegwixxi skont it-termini tal-inkarigu mogħti lilha. Intqal ukoll li l-ftit xogħol li kien sar ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u konsegwentement Joseph Gauci kellu jinkorri danni u spejjeż oħra sabiex jiġu rranġati dawn in-nuqqasijiet.

## Provi u riżultanzi

Waqt l-udjenza tas-27 ta' Ġunju, 2018, xehed **Pierre Buontempo**[2], amministratur tas-soċjetà konvenuta. Spjega li s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti hija involuta fil-qasam tal-provvista ta' tagħmir mediku u tipparteċipa f'diversi sejħiet għall-offerti għal dan l-iskop. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti tagħmel ukoll xogħol ta' żvilupp u kostruzzjoni fuq diversi siti. Qal li s-soċjetà KSi kienet l-awditur tas-soċjetà konvenuta, u żied jgħid li għax-xogħol tal-*accounts* tas-soċjetà konvenuta huwa kien imur direttament għand Joseph Gauci. Qal li l-atturi kienu jaraw ix-xogħol ta' kostruzzjoni li kien isir mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, u għalhekk meta l-atturi kellhom bżonn jagħmlu xi xogħlijiet fi proprjetà privata tagħhom, huma avviċinaw lis-soċjetà konvenuta. Qal li fost ix-xogħol li sar, kien hemm xogħol f'appartament f'Ħal Luqa, li minn appartament wieħed inqasam fi tnejn, kif ukoll xogħol fuq sit fix-Xgħajra. Huwa spjega x-xogħol li kien sar b'dan il-mod:

> "... għamilt ix-xogħol lest għax kellu n-nies ħa jidħlu għax krewlhom il-flat eight (8) ta' Ħal Luqa, għamilnieh żewġ flattijiet għax riedu jikruhom. Lestejnielhom ix-xogħol bil-bibien, kmamar tal-banju u tankijiet jiġifieri għamilna dan ix-xogħol kollu. *Meter* tad-dawl doppju, *letterboxes* isfel jiġifieri *common parts.* Kellna nbajdu l-*common parts* għax dan il-*common part* kien maħluq għal bieb wieħed u saru tnejn jiġifieri. Sar ix-xogħol imbagħad ix-Xgħajra. Kien għadu post abitat li kienu għexu s-Sajf ta' qabel. L-ewwel kelli nġorr l-għamara u ħadtha kollha Ħal Luqa. Imbagħad kien hemm xogħol li ridna nkissru, inżarmaw kull m'hemm biex inġibuh *shell form* liema xogħol imbagħad ġie ffinixjat, jiġifieri ġie ffinixjat sal-aħħar sakemm reġgħu daħlu fih abitat."

Ix-xhud kompla jgħid li l-atturi tħallsu tax-xogħol ta' uditjar li għamlu, u issa baqgħalhom iħallsu d-differenza għax-xogħol li wettqet is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti. Ix-xhud ippreżenta diversi fatturi ta' xogħol li sar għall-

[2] *A fol.* 29 tal-proċess.

benefiċċju tal-atturi[3], flimkien ma' *credit note*[4], u sensiela ta' ritratti li juru x-xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta.[5] Ix-xhud kompla jgħid li x-xogħol kien qiegħed isir fuq struzzjonijiet tal-attur Joseph Gauci, li kien huwa li kien jassenja x-xogħol. Qal ukoll li qatt ma kien hemm kwistjonijiet dwar il-kwalità tax-xogħol. Żied jgħid li minkejja li kien hemm żmien meta kien hemm il-ħsieb li ssir tpaċija max-xogħol tal-uditjar li kellhom jagħmlu l-atturi, xi żmien wara is-soċjetà konvenuta kienet ħallset dak li kellha tagħti lill-atturi, iżda dawn min-naħa tagħhom baqgħu ma ħallsux dak li kien dovut minnhom.

Il-Qorti kkonsidrat dawn il-fatturi esebiti mix-xhud, minn fejn jirriżulta li hemm dovut l-ammont ta' (i) €251.34 għal xogħol ta' tneħħija ta' *mains* tad-dawl u l-ilma[6]; (ii) €2,336.40 għall-kiri ta' erba' skips u xogħol ta' tindif li sar fix-Xgħajra[7]; (iii) €8,000 għal *opening* (ebda dettalji oħra ma ġew mogħtija)[8]; (iv) €708 għall-installazzjoni ta' *geysers* tal-ilma fil-flats 8 u 8A[9]; (v) €4,484 għal xogħol ta' partizzjoni b'bord tal-*gypsum* fil-postijiet ta' Ħal Luqa kif ukoll alterazzjonijiet għall-bibien li kellhom jisseparaw iż-żewġ fondi numri 8 u 8A[10]; (vi) €2,124 għal xogħol ta' tibjid taż-żewġ appartamenti[11]; (vii) €413 għal xogħol ta' tibjid tal-ħitan ta' barra tal-appartamenti f'Ħal Luqa[12]; (ix) €1,752.30 għall-kiri ta' skips fix-Xgħajra. Jidher li dan l-ammont ġie aġġustat mill-attur għal €800, iżda minn dak li xehed Pierre Buontempo nnifsu, jirriżulta li bejn il-partijiet qatt ma kien hemm ftehim li l-ammont maħruġ fuq il-fattura kellu jitnaqqas jew b'xi mod jiġi

[3] *A fol.* 38 *et seq.* tal-proċess.
[4] *A fol.* 41 tal-proċess.
[5] *A fol.* 63 sa 77 tal-proċess.
[6] *A fol.* 38 tal-proċess.
[7] *A fol.* 39 tal-proċess.
[8] *A fol.* 40 tal-proċess.
[9] *A fol.* 44 tal-proċess.
[10] *A fol.* 45 tal-proċess.
[11] *A fol.* 46 tal-proċess.
[12] *A fol.* 47 tal-proċess.

aġġustat[13]; (x) €1,972.96 għal diversi xogħlijiet marbuta mal-provvista tad-dawl u l-ilma fl-appartamenti bin-numru 8 u 8A. Il-lista ta' xogħlijiet li saru hi indikata fil-fattura, u tinkludi tindif, twaħħil ta' *main switch,* serpentina, katusa, *switch* tal-forn, tank tal-ilma, salvavita u għadd ta' bozoz[14]; (xi) €1,593 għal xogħol ta' tqegħid ta' katusi fix-Xgħajra[15]; (xii) €6,861.70 għal xogħol ta' kisi u tibjid tax-xaftijiet[16]; (xiii) €7,552 għal xogħol ta' tneħħija ta' ġebel u xogħol ieħor li sar. Dan l-ammont ukoll jirriżulta li ġie aġġustat unilateralment mill-attur u tnaqqas għal €3,000 mingħajr ma kien hemm ftehim bejn il-partijiet dwar dan[17]; (xiv) €849.60 għal xogħol ta' tpoġġija ta' travu[18]; (xv) €3,776 għal xogħol ta' kisi tal-parapetti, 9 ħitan b'kollox;[19] (xvi) €1,534.06 għal xogħol li sar fuq il-gallarijiet. Dan l-ammont ukoll ġie aġġustat unilateralment mill-attur u tnaqqas għal €350, mingħajr ma jirriżulta xi ftehim bejn il-partijiet dwar dan[20]; (xvii) €9,204 għal xogħol li sar fuq il-faċċata minn tliet naħat[21]; (xviii) €8,968 għal xogħol ta' armar ta' *scaffolding* għal sebgħa u sittin ġurnata[22]; (xix) €9,828 għal xogħol ta' kisi tat-taraġ bil-*gypsum*[23]; (xx) €7,204 għal xogħol ta' kisi bil-*gypsum* li sar viċin il-lift[24]; (xxi) €7,547.28 għal xogħol ta' *gypsum* fil-*basement*[25]; u (xxii) €8,420.72 għal xogħol bil-*gypsum* f'parti oħra tal-binja.[26]

[13] *A fol.* 48 tal-proċess.
[14] *A fol.* 49 tal-proċess.
[15] *A fol.* 50 tal-proċess.
[16] *A fol.* 51 tal-proċess.
[17] *A fol.* 52 tal-proċess.
[18] *A fol.* 53 tal-proċess.
[19] *A fol.* 55 tal-proċess.
[20] *A fol.* 56 tal-proċess.
[21] *A fol.* 57 tal-proċess.
[22] *A fol.* 58 tal-proċess.
[23] *A fol.* 59 tal-proċess.
[24] *A fol.* 60 tal-proċess.
[25] *A fol.* 61 tal-proċess.
[26] *A fol.* 62 tal-proċess.

Fl-*affidavit* tiegħu, **Pierre Buontempo**[27] spjega li huwa l-amministratur tas-soċjetà rikonvenzjonanti Trebee Company Limited, u ilu f'din il-kariga mill-2010. Spjega li s-soċjetà KSi Malta kienet l-awditur tas-soċjetà konvenuta, u hu kien ġie avviċinat biex is-soċjetà konvenuta tibda toffri s-servizzi tagħha lill-attriċi, fosthom sabiex tagħmel xogħol ta' *finishings* għall-kumpannija KSi Malta f'postijiet li din kellha f'Ħal Luqa u x-Xgħajra. Qal li dan l-inkarigu ngħata minn Joseph Gauci, *managing director* ta' KSi Malta. Is-soċjetà KSi Malta kienet inkarigat *designer* sabiex jieħu ħsieb jiddisinja dak li KSi Malta xtaqet tagħmel fil-proprjetà li kellha fix-Xgħajra. Qal li l-laqgħat marbuta ma' dawn ix-xogħlijiet kienu dejjem isiru jew fl-uffiċini ta' KSi Malta jew fuq is-siti fejn kellhom isiru dawn ix-xogħlijiet. Żied jgħid li l-partijiet ma kellhom l-ebda kuntratt bil-miktub bejniethom, u l-fatturi dejjem ħarġu f'isem is-soċjetà KSi Malta. Qal li t-total ta' dawn il-fatturi kien ta' sebgħa u disgħin elf, mija u ħamsin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€97,150.36), u s-soċjetà konvenuta kienet irċeviet ħlas akkont fl-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000). Ix-xhud qal li dan il-pagament kien għaddiehulu Joseph Gauci, u għalhekk il-bilanċ tal-prezz tax-xogħlijiet li kien fadal pendenti kien jammonta għal tnejn u tmenin elf, mija u ħamsin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€82,150.36). Żied jgħid li dan l-ammont qatt ma ġie kkontestat u kien biss f'dawn il-proċeduri li tqajmet kwistjoni dwar il-ħlas dovut. Ix-xhud qal ukoll li l-ħlas għas-servizzi pprovduti minn KSi Malta lis-soċjetà konvenuta ma kienx qiegħed isir mis-soċjetà konvenuta, minħabba li l-kreditu dovut lis-soċjetà konvenuta mill-atturi kien dejjem qiegħed jikber u għalhekk is-soċjetà konvenuta ppretendiet li l-ammont dovut lill-attriċi jiġi paċut ma' dak dovut lill-konvenuta. Ix-xhud żied jgħid li kull meta s-soċjetà konvenuta talbet ħlas, kien qiegħed jinqala' diżgwid dwar min mis-soċjetà

[27] *A fol.* 84 tal-proċess.

attriċi kellu jħallas, u wieħed mill-atturi, Brian Farrugia, kien jistaqsi għaliex il-fatturi kienu qegħdin jinħarġu fuq KSi Malta. Ix-xhud qal li huwa dejjem ingħata struzzjonijiet mingħand Joseph Gauci, li min-naħa tiegħu qatt ma oġġezzjona li l-fatturi kienu qegħdin joħorġu f'isem KSi Malta. Ix-xhud kompla jgħid li maż-żmien is-soċjetà konvenuta fehmet li x-xogħol li kien qiegħed isir minnha, kien qiegħed isir fi proprjetajiet ta' Joseph Gauci personalment, u kien għalhekk li din iddeċidiet li tħallas dak li kien dovut minnha lis-soċjetà attriċi. Żied jgħid li minkejja dan, is-soċjetà konvenuta għad trid tiġbor l-ammont ta' tnejn u tmenin elf, mija u ħamsin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€82,150.36) għax-xogħliijiet li saru fi proprjetajiet f'Ħal Luqa u fix-Xgħajra. Ix-xhud qal li f'Ħal Luqa kien hemm appartament wieħed li nqasam fi tnejn, u fix-Xgħajra kien hemm żewġ appartamenti li riedu jitlestew. Qal li x-xogħol inbeda fis-sena 2013 u tlesta fl-2014. Qal li bħala amministratur tas-soċjetà konvenuta, huwa kien jassigura li jsib biżżejjed ħaddiema u kuntratturi li setgħu jeżegwixxu x-xogħol li talbuh iwettaq l-atturi. Qal li kien kompitu tiegħu li jissorvelja u jikkoordina dawn ix-xogħlijiet, u għalhekk huwa spiss kien imur fuq il-lantijiet tax-xogħol f'Ħal Luqa u fix-Xgħajra sabiex jara x-xogħol li kien qiegħed isir. Ix-xhud ippreżenta *list of works* dettaljata li tispjega l-fatturi li ġew ippreżentati minnu f'din il-kawża.[28] Qal li dawn il-fatturi kienu jinħarġu mis-soċjetà konvenuta fejn huwa kien jiffirma għan-nom tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta, filwaqt li Joseph Gauci kien jiffirma għan-nom ta' KSi Malta. Mill-atti jirriżulta però li mhux il-fatturi kollha ġew iffirmati minn Joseph Gauci. Qal li hemm ukoll xi *credit notes* li nħarġu fuq Joseph Gauci b'rabta ma' dawn ix-xogħlijiet. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li s-soċjetà konvenuta ħallset il-VAT dovuta fuq dawn il-fatturi, minkejja li s'issa ġabret biss l-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) mingħand l-atturi.

[28] *A fol.* 87 tal-proċess.

Ix-xhud ippreżenta dikjarazzjoni ffirmata minn Albert Buttigieg, direttur tas-soċjetà konvenuta, li permezz tagħha huwa ġie awtorizzat jirrappreżenta lis-soċjetà konvenuta.[29]

Waqt l-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2018, xehed **Philip Tabone**[30], li qal li qabel irtira kien importatur ta' materjali għall-kostruzzjoni. Ix-xhud qal li hu ġieli ta inkarigu lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti tagħmillu xi xogħlijiet, u huwa qatt ma kellu problemi bix-xogħlijiet li saru.

Waqt l-istess udjenza xehed **Paul Magri**[31], li qal li huwa jaħdem fis-settur tal-bejgħ ta' materjali tal-kostruzzjoni. Ix-xhud qal li jista' jkun li ġieli biegħ xi materjali tal-kostruzzjoni lil rappreżentanti tas-soċjeta konvenuta rikonvenzjonanti.

Xehed ukoll **Paul Bonavia**[32], li qal li huwa jagħmel xogħol ta' kiri ta' *skips* u li spiss jikri xi *skips* lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti.

Xhud ieħor fl-istess udjenza kien **Mark Bonanno**[33], li qal li huwa kien interessat jagħmel xi xogħol ta' alterazzjonijiet fid-dar tiegħu, u qal li Pierre Buontempo kien ħadu jara xi postijiet fix-Xgħajra sabiex jara jekk ix-xogħol li kien qiegħed isir hemmhekk mis-soċjetà konvenuta kienx jogħġbu.

Permezz ta' nota ppreżentata fis-17 ta' Diċembru, 2018, is-soċjetà konvenuta ppreżentat kopja tal-irċevuta maħruġa minn Paul Bonavia b'rabta mal-kiri ta' diversi *skips.*[34]

---

[29] *A fol.* 124 tal-proċess.
[30] *A fol.* 125 tal-proċess.
[31] *A fol.* 128 tal-proċess.
[32] *A fol.* 130 tal-proċess.
[33] *A fol.* 133 tal-proċess.
[34] *A fol.* 137 tal-proċess.

**Hanea Mohamed Sobhy Saleh Fakhry**, fl-*affidavit* tiegħu qal[35] li huwa kien il-persuna responsabbli mix-xogħol ta' tlestija fis-sit fix-Xgħajra li s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti tqabbdet tagħmel mill-atturi rikonvenzjonat. Ix-xhud qal li x-xogħol kien jinvolvi l-armar ta' *scaffolding* f'għoli ta' tliet sulari, kisi, twaħħil ta' madum mal-faċċata kollha, tindif tad-*debris* mill-blokka kollha, tneħħija ta' żebgħa u kisi bil-ġibs, tibjid, bdil ta' katusi, ftuħ ta' ħitan u installazzjoni ta' travi, il-kostruzzjoni ta' kaxxa għal-lift, tibdil tad-dawl u mogħdija tat-trinek u xogħol ta' finitura fuq il-ħitan u ċ-ċnut tal-entraturi. Ix-xhud qal li huwa u l-ħaddiema li kienu responsabbli għal dan ix-xogħol, kienu tħallsu minn Trebee Company Limited.

Il-kontroeżami ta' dan ix-xhud sar fid-29 ta' Mejju, 2019[36], fejn spjega li huwa għamel sbatax-il sena jgħix u jaħdem hawn Malta, u xi sentejn qabel kien irritorna lura lejn l-Eġittu. Ix-xhud qal li huwa kien impjegat mas-soċjetà konvenuta, u jaħdmu miegħu fis-sit tax-Xgħajra kien hemm għadd ta' ħaddiema oħra tal-istess kumpannija, kif ukoll numru ta' persuni jaħdmu għal rashom. Ix-xhud qal li kien hemm drabi meta huwa kien ikollu bżonn għadd ta' ħaddiema tal-id sabiex jassistuh fuq il-post tax-xogħol, u għalhekk kien jinkariga xi refuġjati li kien iħallashom għal kull ġurnata li jaħdmu. Qal li b'kollox għamel madwar tliet xhur jaħdem fil-blokka tax-Xgħajra. Qal li l-blokka tax-Xgħajra ma kienitx kollha ta' Joseph Gauci, u hu kien jiftiehem bil-fomm dwar il-ħlas dovut lilu. Għas-suġġeriment li sarlu li l-*iscaffolding* armat minnu ma kienx approvat mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà, ix-xhud qal li dan mhux minnu, u kieku dan ma kienx sikur, ħaddiema oħra li komplew ix-xogħol fuq is-sit kienu jirrifjutaw li jaħdmu fuqu. Ix-xhud spjega li l-persuna li waħħlet il-madum daħlet

[35] *A fol.* 145 tal-proċess.
[36] *A fol.* 148 tal-proċess.

wara li huwa kien lesta x-xogħol tal-kisi, u waqt li kien qiegħed isir ix-xogħol tat-twaħħil tal-madum mal-faċċata, huwa kien qiegħed jaħdem fuq ġewwa. Spjega li huwa kien għamel xogħol ta' kisi fl-appartament ta' Joseph Gauci, fit-taraġ, fix-xaftijiet tal-lift u xogħol ta' twaħħil ta' katusi, imma ma kellu għalfejn jagħmel l-ebda xogħol fuq ġewwa.

Il-kontroeżami ta' **Hanea Fakhry** tkompla fit-22 ta' Mejju, 2019[37], fejn ix-xhud spjega li huwa kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta bħala impjegat u kien anki jagħmel xogħol għal rasu. Qal li hu kien jieħu salarju mis-soċjetà konvenuta, u l-ħlas għax-xogħol li huwa għamel fis-sit tax-Xgħajra kien jammonta għal madwar ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000), għax-xogħol li sar fuq barra u fuq ġewwa, u minn dawn il-flus huwa kellu jħallas lill-ħaddiema li kien jingaġġa miegħu sabiex jaħdmu bil-ġurnata. Qal li l-materjal li kien juża fix-xogħol kien jinxtara minnu mingħand Philip Tabone, u l-ispejjeż tal-materjal ma kienx joħroġhom hu, iżda kienu jitħallsu mis-soċjetà konvenuta. Qal li x-xogħol ta' kisi fl-appartamenti ta' Joseph Gauci sar minnu, u huwa kien responsabbli mix-xogħol ta' kisi tal-ħitan u tax-xaftijiet fil-binja, li kellhom għoli ta' tliet sulari. Qal li huwa kien ħalla l-appartamenti fi stat li wieħed seta' jidħol u jagħmel ix-xogħol taż-żebgħa meħtieġ. Ix-xhud qal li kemm waqt li huwa kien qiegħed jaħdem fuq is-sit, kif ukoll wara li lesta x-xogħol tiegħu, kien hemm ħaddiema li daħlu jagħmlu xogħlijiet oħra meħtieġa fuq il-post.

L-istess xhud kompla jagħti d-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2019[38], fejn ippreżenta kopji tal-FS3 tiegħu għas-snin 2013 u 2014, bħala prova tad-dħul li huwa kellu mill-impjieg mas-soċjetà konvenuta.[39]

---

[37] *A fol.* 154 tal-proċess.
[38] *A fol.* 159 tal-proċess.
[39] *A fol.* 161 u 162 tal-proċess.

Fl-*affidavit* tiegħu, **Joseph Gauci** qal[40] li huwa kien ftiehem ma' Pierre Buontempo sabiex jagħmillu xi xogħol ix-Xgħajra fil-fond bin-numru 51 Flat 1, u l-fondi bin-numri 2 u 49, it-tnejn f'Dawret ix-Xatt, kif ukoll f'post fi Triq il-Belt Valletta, Ħal Luqa. Ix-xhud qal li x-xogħol li kien meħtieġ li jsir fil-post tax-Xgħajra kien jinvolvi t-tneħħija tal-madum li kien hemm fl-appartamenti, xogħol ta' tbaqqin tal-faċċata tal-pjan terran, u tal-ewwel sular, u kisi b'materjal li kien inxtara mingħand Philip Tabone. Ix-xhud ippreżenta rapport imħejji mill-Perit Anthony Bezzina b'elenku tax-xogħol li twettaq mis-soċjetà konvenuta u bil-kubaġġ tax-xogħol bil-prezzijiet kurrenti, li jvarjaw mill-prezzijiet ta' meta sar ix-xogħol. Qal li dan ir-rapport jinkludi x-xogħol kollu li sar, inklużi t-travi bla *cladding* u l-*iskips* u l-ġarr tal-materjal. Qal li l-ftehim dwar il-ħlas sar b'mod verbali, u l-ftehim kien li l-attur kellu jħallas ħmistax-il elf Euro (€15,000) għax-xogħol meħtieġ, inkluż għax-xogħol tal-irranġar tad-dawl u l-ilma fil-fond ta' Ħal Luqa, u xogħol ta' kisi ta' arkata bil-*gypsum.* Żied jgħid li għall-provvista tal-materjal huwa kien laħaq arranġament ma' Philip Tabone Trading Agency, u dawn ipprovdew il-materjal kollu meħtieġ, mingħajr ma kellha għalfejn tipprovdih jew tħallas għalih is-soċjetà konvenuta. Joseph Gauci qal ukoll li sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol is-soċjetà konvenuta kienet tibgħat lil Hani Fakrhy, Eġizzjan, li kien jieħu miegħu għadd ta' ħaddiema li mhumiex tas-sengħa, bil-konsegwenza li x-xogħol li sar ma kienx tal-kwalità pattwita. Ix-xhud żied jgħid li kull meta kien jilmenta dwar il-kwalità tax-xogħol, Fakrhy kien dejjem jirranġa. Qal ukoll li kien hemm għadd ta' ġirien li kienu jilmentaw miegħu dwar il-kwalità tax-xogħol. Ix-xhud qal li l-ftehim kien li x-xogħol kellu jitlesta fi tmien ġimgħat, iżda x-xogħlijiet ħadu ferm aktar żmien milli kien miftiehem, u meta huwa kien jilmenta ma' Fakrhy dwar dan, dan kien jgħidlu li

[40] *A fol.* 166 tal-proċess.

kien għadu ma tħallasx mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li huwa kellu diversi problemi bl-*iscaffolding* li ntrama, li ma kienx konformi mar-regoli tas-saħħa u s-sigurtà u kien hemm għadd ta' ħaddiema li rrifjutaw li jużawh. Qal li minkejja li huwa lmenta diversi drabi dwar il-kwalità tal-*iscaffolding* li ntrama, u kien informa lis-soċjetà konvenuta li ma kienx dispost iħallas għalih, dawn ma tawx kasu. Ix-xhud ippreżenta ritratti li juru l-*iscaffolding* li kien intrama.[41] Qal ukoll li mhux minnu li x-xogħol ta' Fakhry sar fuq erba' sulari, għaliex fil-binja ma kienx hemm erba' sulari, u hu mhux proprjetarju tat-tieni sular u lanqas ta' żewġ terzi mill-pjan terran (*ground floor*). Kompla jgħid li mhux minnu li Fakhry għamel xogħol ta' brix tal-ħitan ta' ġewwa biex seta' jsir il-kisi, u dan ix-xogħol sar kollu minn ċertu Aaron Pulis. Qal ukoll li x-xogħol ta' kostruzzjoni meħtieġ ma sarx minn Fakhry, iżda minn ħaddiem ieħor li tqabbad minnu. Qal ukoll li huwa inkariga lill-Perit Anthony Bezzina sabiex jagħmel stima tax-xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta u żied jgħid li minn dan ir-rapport jirriżulta li s-soċjetà konvenuta għamlet f'kemm jiswew sitt elef, u disa' mitt Euro (€6,900) f'xogħlijiet. Qal ukoll li l-appalt ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) mogħti lis-soċjetà konvenuta kellu jkopri x-xogħol kollu li kellu jsir minnha. Ix-xhud qal li l-ammont ta' madwar tlieta u tmenin elf Euro (€83,000) huwa wieħed eżorbitanti meta mqabbel max-xogħol li sar, u żied jgħid li huwa qatt ma ngħata kont bil-miktub jew kejl tax-xogħol li għamel. Qal ukoll li l-ftehim li huwa kellu mas-soċjetà konvenuta kien li l-ammont miftiehem bejn il-partijiet, kellu jkopri kemm ix-xogħol li sar fix-Xgħajra kif ukoll ix-xogħol li sar fuq il-proprjetà f'Ħal Luqa. Joseph Gauci ta elenku tal-kuntratturi li ħadmu fuq dawn iż-żewġ siti u qal li dawn tħallsu kollha, filwaqt li żied jgħid li x-xogħol li għamlet is-soċjetà konvenuta kien biss li neħħiet il-madum antik, għamlet żewġ travi bla *cladding,*

[41] *A fol.* 169A u 170, 172 sa 175, u 177 sa 182.

u baqqnet u ksiet il-faċċata. Joseph Gauci qal li s-somma pretiża mis-soċjetà konvenuta waslu għaliha b'dan il-mod:

> "Jiena nemmen li l-ammont ta' €83,000 wasal għalihom sempliċement billi hu kellu jagħtini s-somma ta' €63,000 li jien sliftu biex nidħlu għat-*tenders* mal-Health Department u €19,000 ta' servizzi professjonali, li ukoll kelli nagħmel kawża u irbaħtha sabiex iħallasni bin-nifs. Hekk wasal għall-kont."

Kompla jgħid li x-xogħol li sar f'Ħal Luqa kien xogħol biex ġew mgħoddija d-dawl u l-ilma u xogħol ta' għeluq ta' arkata żgħira bil-*gypsum.* Qal li fil-fatt ix-xogħol tad-dawl u l-ilma sar ħażin, tant hu hekk li lanqas ilma fil-kamra tal-banju ma kien hemm, u żied jgħid li kellu jqabbad lil terzi sabiex jirranġaw ix-xogħol li sar ħażin. Ix-xhud qal li huwa kien ħallas l-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) qabel inbeda x-xogħol għax kien jaf li l-esponent tas-soċjetà konvenuta kien f'qagħda finanzjarja ħażina, u huwa mhux imdorri jħallas qabel isir ix-xogħol. Qal li kien hemm drabi fejn huwa ġibed l-attenzjoni tal-konvenuti li l-prezz li kien qiegħed jintalab għax-xogħol li sar kien wieħed eżorbitanti.[42]

Ix-xhud ippreżenta wkoll għadd ta' fatturi maħruġa lilu minn kuntratturi li ħadmulu fuq is-sit[43]; il-fatturi li nħarġu mis-soċjetà konvenuta[44]; kopja ta' *email* li permezz tagħha uffiċjal tas-saħħa u s-sigurtà ilmenta li kellu jwaqqaf ix-xogħol f'wieħed mis-siti għax kien hemm xi nuqqasijiet mill-aspett ta' saħħa u sigurtà[45]; u kopja tar-rapport tal-Perit Anthony Bezzina bi stima tax-xogħol li sar fuq il-proprjetà tal-attur.[46]

---

[42] *A fol.* 169 *et seq.* tal-proċess - għadd ta' ritratti u korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet dwar in-nuqqas ta' sigurtà fuq is-sit, kif ukoll dwar ix-xogħol li ma kienx għas-sodisfazzjon tal-attur.
[43] *A fol.* 186 *et seq.* tal-proċess.
[44] *A fol.* 189 *et seq.* tal-proċess.
[45] *A fol.* 211 tal-proċess – *"No basic PPE, no ventilation and no hoarding/fencing was present on-site so I had no alternative but to halt operations. ... The contractor was duly informed by myself and Mr Gauci and is going to rectify situation ASAP."*
[46] *A fol.* 214 tal-proċess.

**Carmelo Bugeja**, fl-*affidavit* tiegħu qal[47] li huwa d-direttur tas-soċjetà Bugeja Marbles Limited, li tagħmel xogħol ta' rħam, u bejgħ u twaħħil ta' madum. Qal li l-kumpannija tiegħu kienet ġiet inkarigata minn Joseph Gauci sabiex tagħmel xogħol ta' rħam u madum fi tliet appartamenti li dan kellu fix-Xgħajra, inkluż il-kmamar tal-banju. Ix-xhud qal li dan ix-xogħol kien jinkludi wkoll it-twaħħil ta' madum mal-faċċata tal-bini, u biex seta' jsir dan ix-xogħol huwa kellu jarma l-*iscaffolding* tiegħu minħabba li l-armar li kien hemm fuq is-sit ma kienx armat skont is-sengħa u kien perikoluż.

Ix-xhud **Adrian Cassar**, fl-*affidavit* tiegħu qal[48] li huwa kkwalifikat bħala *electrician* u fis-sena 2017 kien ġie inkarigat mill-attur Joseph Gauci sabiex jirranġa xogħol fis-sistema tal-elettriku li kien sar b'mod ħażin minn terzi. Qal li kien hemm problemi partikolarment bil-*main switch* kif ukoll bis-*salvavita* fil-proprjetà, u li ma kienx ġej ilma fil-kamra tal-banju. Ix-xhud qal ukoll li s-sistema tal-*wiring* minn isfel saret b'*cable* li kien irqiq wisq, li kellu bżonn jinbidel, iżda l-attur ma setax jibdlu għaliex kien hemm involuti spejjeż kbar u ħafna xogħol anki fi proprjetà ta' terzi.

**Mario Micallef**, fl-*affidavit* tiegħu qal[49] li huwa ntalab jissorvelja x-xogħol fit-tieni sular tal-binja bin-numru 50, Dawret ix-Xatt, ix-Xgħajra, li sidu huwa ċertu Fernando Cantafio. Ix-xhud qal li l-ebda wieħed mill-kuntratturi li tqabbdu mill-attur Joseph Gauci ma ħadem fl-appartament ta' dan it-terz, u x-xogħol kollu li kien meħtieġ isir fil-proprjetà ta' Cantafio, sar minn kuntratturi li tqabbdu u tħallsu mix-xhud.

---

[47] *A fol.* 221 tal-proċess.
[48] *A fol.* 222 tal-proċess.
[49] *A fol.* 223 tal-proċess.

Ix-xhud **Aaron Pulis**, fl-*affidavit* tiegħu qal[50] li huwa kien jaħdem fis-settur tal-kostruzzjoni, u kien ingħata inkarigu mill-attur Joseph Gauci sabiex jagħmel ix-xogħol kollu ta' tikħil, żebgħa, u ġibs fit-tliet appartamenti li dan kellu fix-Xgħajra, flimkien max-xogħol kollu ta' *finishing*. Ix-xhud qal li x-xogħol tal-kisi tal-btieħi interni sar kollu minnu u għamel ukoll ix-xogħol tal-*finishing* tal-intrata tal-blokka sas-sular ta' Joseph Gauci, u x-xogħol kollu tal-*finishing* u taż-żebgħa sar minnu, inkluż tat-travi. Qal li x-xogħol li sar minnu inkluda wkoll it-tindif tal-ħitan.

Ix-xhud **Philip Tabone**, fl-*affidavit* tiegħu[51] qal li huwa għandu aġenzija li timporta l-makkinarju u tbiegħ materjal li jintuża fil-kostruzzjoni. Qal li Joseph Gauci huwa l-awditur tan-negozju tiegħu, u kien hu li pprovda l-materjal meħtieġ biex seta' jsir ix-xogħol fil-binja ta' Gauci. Qal li dan il-materjal huwa kien tah lil Gauci b'xejn, mingħajr ebda ħlas, u dan kien inġabar mill-imħażen tiegħu minn wieħed mill-impjegati ta' Pierre Buontempo.

Waqt l-udjenza tal-1 ta' Lulju, 2019, xehed l-attur **Joseph Gauci**[52], li qal li x-xogħol kellu jsir fi tliet appartamenti żgħar, u biex seta' jsir ix-xogħol kien hemm involuti aktar minn ħmistax-il kuntrattur. Qal li x-xogħol li sar kien wieħed ta' livell għoli u b'kollox huwa nefaq madwar mija u ħamsa u erbgħin elf Euro (€145,000) sabiex lesta dan il-proġett. Żied jgħid li l-uniku xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta kien ix-xogħol tal-kisi tal-faċċata, it-tneħħija tat-torba u t-tpoġġija ta' żewġ travi, u għal dan ix-xogħol is-soċjetà konventua qiegħda tippretendi ħlas ta' madwar tlieta u tmenin elf Euro (€83,000), filwaqt li l-ħlas għax-xogħol kollu l-ieħor li sar, bħall-bibien, *aluminium,* irħam, kmamar tal-

[50] *A fol.* 224 tal-proċess.
[51] *A fol.* 225 tal-proċess.
[52] *A fol.* 228 tal-proċess.

banju u xogħol ieħor, it-total kien ta' mija u ħamsa u erbgħin elf Euro (€145,000). Ix-xhud spjega kull wieħed mill-kuntratturi li ħadem f'dawn il-proprjetajiet x'għamel u kemm tħallas. Qal ukoll li minkejja li l-ftehim mas-soċjetà konvenuta kien li din titħallas ħmistax-il elf Euro (€15,000), li kellhom jinkludu wkoll il-materjal, is-soċjetà konvenuta kienet ħarġet diversi kontijiet għall-akkwist tal-materjal, u għalhekk b'kollox il-konvenuta tħallset tnejn u għoxrin elf u mitejn Euro (€22,200). Żied jgħid li x-xhud Fakhry qal li x-xogħol li għamlet is-soċjetà konvenuta kien jiswa ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000), u li kien Pierre Buontempo li ħareġ bil-prezz ta' tlieta u tmenin elf Euro (€83,000). L-attur Joseph Gauci qal ukoll li fl-aħħar tax-xogħol huwa kien staqsa lil esponenti tas-soċjetà konvenuta min kienu l-persuni li għamlu ċertu xogħol bħat-tikħil, għax kien hemm xi tikħil li kellu jerġa' jiġi rtukkat, imma dawn m'għarfu jindikawlu l-ebda isem, u għalhekk huwa kellu jqabbad lil Aaron Pulis biex jagħmel ix-xogħol ta' tikħil hu.

Permezz ta' nota ppreżentata fit-23 ta' Lulju 2019, l-attur Joseph Gauci ppreżenta dokumentazzjoni u kopji ta' irċevuti u ħlasijiet li saru minnu, minn fejn joħroġ li l-valur tax-xogħol sabiex setgħu jitlestew dawn l-appartamenti sewa madwar mija u tletin elf Euro (€130,000).[53] L-attur qal li minn hawnhekk għandu jirriżulta li s-somma pretiża mis-soċjetà konvenuta mhix attendibbli.

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019, saru għadd ta' kontroeżamijiet, fosthom ta' **Carmelo Bugeja**[54], li qal li sabiex għamel ix-xogħol fil-proprjetà tal-atturi, huwa kellu jipprovdi *lifter.* Qal li l-*iscaffolding* li kien hemm oriġinarjament ma kienx adegwat, u għalhekk l-attur kellu jġib *lifter* ieħor.

---

[53] *A fol.* 233 *et seq.* tal-proċess.
[54] *A fol.* 269 tal-proċess.

Waqt l-istess udjenza sar ukoll il-kontroeżami ta' **Adrian Cassar**[55], li kkonferma li huwa kien għamel xi xogħol għal Joseph Gauci ġewwa Ħal Luqa, u kellu jirranġa dawk li jissejħu "tejlijiet" jew *wiring* sabiex setgħet tiġi installata s-*salvavita.* Ix-xhud qal li kien sable kien hemm *wire* li kellu ħxuna ta' 4mm, li ma setax jinbidel għax biex jinbidel, kellhom isiru alterazzjonijiet fil-*common areas* tal-blokka. Qal ukoll li huwa nstalla *main switch* u *salvavita*, minkejja li l-*wire* li hemm fil-preżent xorta waħda ma jiflaħx tagħbija ta' dawl fuqu, u huwa ta parir lill-attur li ma jixgħelx diversi *appliances* fl-istess ħin sabiex ma jkunx hemm *load* kbira fuq dan il-*wire.* Ix-xhud spjega li biex jinbidel dan il-*wire* hemm bżonn li jinbidel id-dawl tal-komun kollu, u biex ma jkunx hemm għalfejn ikun hemm tkissir u problemi oħra, il-*wire* ikollu jgħaddi minn barra. Żied jgħid li l-komun mhux kollu tal-attur u għalhekk hemm terzi li jistgħu jiġu affettwati f'każ li jinbidlu l-*wires.* Qal li f'każ li x-xogħol isir fuq barra, ikun hemm bżonn li jingħata permess mis-sidien l-oħra fil-blokka, u sabiex il-*wires* il-ġodda jgħaddu minn ġewwa hemm bżonn li titkisser parti mill-komun sabiex ikun jista' jsir pajp eħxen li minnu jgħaddu tliet *wires* ħoxnin.

Ix-xhud **Mario Micallef**[56], fil-kontroeżami tiegħu qal li huwa għandu proprjetà x-Xgħajra fl-istess blokk t'appartamenti ta' Joseph Gauci, li huwa juża bħala villeġġatura. Qal li x-xaft tiegħu huwa diġà miksi bil-madum. Ix-xhud qal li huwa għamel xi xogħol ta' sorveljanza fl-appartament ta' Fernando Cantavio meta dan kellu xi xogħol għaddej hemmhekk, u huwa jaf li x-xogħol f'dan l-appartament sar minn ħaddiema mqabbda minn Cantavio nnifsu.

---

[55] *A fol.* 272 tal-proċess.
[56] *A fol.* 276 tal-proċess.

Waqt l-istess udjenza sar ukoll il-kontroeżami ta' **Aaron Pulis**[57], li qal li x-xogħol ta' kisi fil-btieħi interni ma sarx minnu, u huwa għamel xogħol ta' kisi fil-garaxx. Qal ukoll li x-xogħol ta' kisi kien kollu mħarbat u huwa kellu jagħmel xogħol ta' twaqqigħ u kisi mill-ġdid ta' partijiet mill-proprjetà.

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2019, sar il-kontroeżami ta' **Joseph Gauci**[58], li qal li fost il-problemi li kien hemm bix-xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta, kien hemm problemi ta' *wiring* li kien imqiegħed b'tali mod li lanqas *washing machine* ma tista' tinxtegħel fuq il-post, u qal li biex tranġa parti mix-xogħol, kellu anki jitkisser parti mill-madum. L-attur Joseph Gauci qal ukoll li l-i*scaffolding* li sar mis-soċjetà konvenuta, ma sarx skont is-sengħa u hu kien bagħat jinforma lil Pierre Buontempo li ma kienx ser jassumi responsabbilità f'każ li jweġġa' xi ħadd. Gauci ikkonferma dak li stqarr fix-xhieda tiegħu li dak li għamlet is-soċjetà konvenuta kien xogħol ta' tneħħija ta' madum antik, tqegħid ta' żewġ travi bla *cladding* u tbaqqin u kisi tal-faċċata. Żied jgħid li s-soċjetà konvenuta kienet iddeċidiet ukoll li t-torba li kien hemm fuq il-post kellha titneħħa, għalkemm ma kienx hemm għalfejn li jsir dan. Qal ukoll li hu ħallas għal dak ix-xogħol. Joseph Gauci kompla jgħid li s-soċjetà konvenuta baqgħet qatt ma tatu kont bir-rati u bil-qisien, u meta huwa ħadem il-metraġġ tax-xogħol li sar, sab li l-ħlas għax-xogħol li sar kellu jkun ta' sebat elef u seba' mitt Euro (€7,700). Żied jgħid li huwa kien ħallas ħmistax-il elf Euro (€15,000) bil-quddiem. Gauci qal li huwa kien silef l-ammont ta' tlieta u sittin elf Euro (€63,000) lil Pierre Buontempo sabiex huma jidħlu sħab f'*tender* tal-Gvern, wara li Pierre Buontempo kien wegħdu li l-flus li jdaħħlu minn dan in-negozju kellhom jaqsmuhom bejniethom, imma Buontempo ma kienx żamm kelmtu.

[57] *A fol.* 278 tal-proċess.
[58] *A fol.* 290 tal-proċess.

Qal li minkejja li huwa talab li s-soċjetà konvenuta tagħtih fattura waħda dettaljata, din naqset milli tagħmel dan, u l-fatturi bdew jingħatawlu waħda waħda. L-attur qal li l-fatturi ppreżentati mis-soċjetà konvenuta m'għandhomx jitħallsu minnu, u spjega r-raġuni għal dan:

> "Dan beda ġej b'*invoices* u jiena għandek waħda ppreżentajtha inti fejn jiena ma ffirmajthiex. Għaliex? Għax imbagħad f'daqqa waħda rajna li biex għamel l-arkata Ħal Luqa li kull ma kien fiha żewġ metri, għamlet erbat elef Euro, meta jien biex għamilt is-saqaf kollu tax-Xgħajra tat-tliet flattijiet ħallast erbat elef Euro. *At that point* jien indunajt li dan il-klijent, għax imbagħad indunajt li hu beda jinflejtja l-prezz u mingħajr kejl ta' xejn u kull *invoice* li ta l-prezz kien ivvintat u għandek waħda li ppreżentajt inti fejn jien ktitbtlu li mhux qed naċċettaha għax jiena meta beda jagħtini l-kontijiet fil-bidu, kont *buona fede* imma jien xorta rrid *invoice,* allavolja tajtek il-*fifteen thousand* biex indaħħalha fil-kotba. Ovvjament jien ma daħħalthomx għax dawk l-*invoices* qatt ma kienu għall-ammont ta' tlieta u tmenin elf u qatt ma kien hemm kejl fuq l-ebda *invoice ...".*

L-attur Joseph Gauci kompla jgħid li dan ma kienx l-ewwel proġett ta' żvilupp li huwa daħal għalih u normalment il-fatturi jinħarġu billi wieħed jagħti l-metraġġ għax-xogħol li jkun sar u jgħid x'materjal ikun intuża. Qal li fl-ebda waħda mill-fatturi li ngħatatlu m'hemm indikat x'materjal intuża, u kien għalhekk li huwa mar għand il-Perit tiegħu u talbu jħejji rapport dwar ix-xogħol li sar bil-prezz tas-suq. Qal li l-ammonti li huma ħadmu bihom kienu jiffavorixxu lis-soċjetà konvenuta, u minkejja dan it-total tal-prezz tela' għal sebat elef u seba' mitt Euro (€7,700). L-attur Joseph Gauci għamel riferiment għax-xhieda mogħtija minn Fakhry, li qal li x-xogħol li sar għall-attur Gauci kien jammonta għal ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000) u staqsa kif il-kont mibgħut lilu tela' għal tlieta u tmenin elf Euro (€83,000). Qal li meta induna b'liema mod kienu qegħdin jinħarġu dawn il-kontijiet, huwa ma baqax jiffirma fuq il-fatturi. Qal li Pierre Buontempo beda joħroġlu fatturi bi prezzijiet esaġerati sabiex jevita li jħallas il-flus li kien issellef mingħand l-attur. Żied jgħid li huwa waqaf jiffirma l-fatturi

għaliex fuq l-ebda waħda minnhom ma kien hemm il-kejl jew ir-rata indikata. Qal li biex lesta l-blokka kollha huwa nefaq mija u ħamsa u erbgħin elf Euro (€145,000) b'kollox, filwaqt li s-soċjetà konvenuta qiegħda tippretendi ħlas ta' tlieta u tmenin elf Euro (€83,000) talli ksiet il-faċċata. Kompla jgħid li l-ewwel post li sar ix-xogħol fuqu kien dak ta' Ħal Luqa, u huwa mill-ewwel induna li x-xogħol ma sarx tajjeb għaliex beda jinqata' d-dawl. Qal li x-xogħol li sar ma jistax jitranġa u konsegwenza tad-difetti fix-xogħol huwa jrid joqgħod attent anki x'*appliances* jinstalla. Kompla jgħid li meta beda x-xogħol tax-Xgħajra, huwa ma kienx jaf li s-soċjetà konvenuta kienet ser tqabbad sub-kuntrattur, u għalhekk ma kellux kontroll fuq min għamel ix-xogħol u jekk dan kienx kapaċi jew le. Qal li kien hemm żmien meta s-sub-kuntrattur waqaf milli jkompli bix-xogħol minħabba li ma kienx qiegħed jitħallas.

Permezz ta' nota ppreżentata fil-21 ta' Novembru, 2019, l-attur ippreżenta kopja taċ-*cheque* li permezz tiegħu huwa ħallas l-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) lis-soċjetà konvenuta.[59]

Permezz ta' nota ġuramentata ppreżentata fl-4 ta' Diċembru, 2019,[60] l-attur ippreżenta kopja vera taċ-*cheque*[61] li juri li fit-12 ta' Diċembru, 2013 huwa ħallas l-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) lis-soċjetà konvenuta; kopja vera ta' *statement* bankarju li turi li dan iċ-*cheque* issarraf[62]; kopja ta' *emails* li għaddew bejn l-attur u terzi fejn isir riferiment għal xogħol ħażin b'imperizja, u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà, u l-fatt li ħafna mill-ħaddiema li marru jagħmlu x-xogħol ma kinux tas-sengħa u ma kinux jafu

[59] *A fol.* 302 tal-proċess.
[60] *A fol.* 304 tal-proċess.
[61] *A fol.* 307 tal-proċess.
[62] *A fol.* 308 tal-proċess.

x'inhu x-xogħol mistenni minnhom[63], kif ukoll ritratt li juri difetti fil-mod kif ġie esegwit ix-xogħol tad-dawl.[64]

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-kawża odjerna ġiet ippreżentata mill-atturi, kemm f'isimhom personali kif ukoll bħala msieħba fid-ditta tal-uditjar KSi Malta, wara li dawn kellhom jiġbru madwar dsatax-il elf Euro mingħand is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti bħala ħlas għal servizzi professjonali pprestati lilha, u baqgħu ma tħallsux. Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, flimkien mar-risposta maħlufa tagħha għar-rikors maħluf tal-atturi, ippreżentat kontrotalba, wara li din ippremettiet li minkejja li huwa minnu li hija kellha tħallas għal servizzi professjonali pprovduti lilha mill-atturi, kien għad hemm debitu pendenti favur tagħha ta' aktar minn tnejn u tmenin elf Euro għal xogħol ta' *finishings* li sar fi proprjetajiet f'Ħal Luqa u fix-Xgħajra, liema xogħlijiet saru fuq inkarigu ta' Joseph Gauci, wieħed mill-atturi. Jirriżulta li qabel bdew jinstemgħu l-provi fil-kawża, is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti ħallset dak li kien dovut minnha lill-atturi fl-ammont ta' madwar dsatax-il elf Euro, u kien għalhekk li l-atturi ċedew il-pretensjonijiet tagħhom fil-konfront tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti. F'waħda mill-ewwel udjenzi li nżammet quddiem il-Qorti f'din il-kawża, is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti iżda vverbalizzat li hija kienet qiegħda żżomm fermi l-pretensjonijiet u t-talbiet imressqin fil-kontrotalba tagħha, u għalhekk il-kawża tkompliet bl-iskop li tiġi determinata l-vertenza kif imressqa fil-kontrotalba ppreżentata mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti.

---

[63] *A fol.* 309 *et seq.* tal-proċess.
[64] *A fol.* 314 tal-proċess.

Il-Qorti qieset kif is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti għamlet xogħol ta' *finishing*s f'żewġ siti, wieħed f'Ħal Luqa, fejn appartament wieħed inqasam f'żewġ appartamenti, u l-ieħor fix-Xgħajra, fejn l-inkarigu li kellha s-soċjetà konvenuta kien li taħdem fuq tliet appartamenti. Bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub dwar il-modalità tal-ħlas għax-xogħol li kellu jsir, u lanqas ftehim bil-miktub b'deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol li kellu jsir, u minkejja li Pierre Buontempo xehed li huwa kien taħt l-impressjoni li x-xogħol kien qiegħed isir għal Joseph Gauci personalment, mill-provi ma jirriżultax ċar jekk is-siti li fihom sar ix-xogħol humiex ta' Joseph Gauci personalment jew inkella tas-soċjetà KSi Malta. Jirriżulta iżda li Joseph Gauci kien l-uniku wieħed mill-atturi li pparteċipa b'mod attiv f'dawn il-proċeduri u li kien jaf bid-dettalji tax-xogħlijiet li kellhom isiru mis-soċjetà konvenuta. Jirriżulta wkoll li kien Joseph Gauci li ħallas l-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) lis-soċjetà konvenuta qabel din bdiet ix-xogħlijiet, permezz ta' *cheque* maħruġ minn JG Management Consultancy Limited esebit in atti. Minkejja li l-argument ta' Joseph Gauci huwa li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) kellu jkopri l-ħlas għax-xogħlijiet kollha li kellhom isiru mis-soċjetà konvenuta, Pierre Buontempo, esponent tas-soċjetà konvenuta qal li t-total tax-xogħlijiet li saru kien jammonta għal ferm aktar minn hekk, u għad hemm bilanċ ta' aktar minn tnejn u tmenin elf Euro (€82,000) dovut lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti. Buontempo spjega li l-pretensjonijiet tas-soċjetà konvenuta jirriżultaw mit-tnejn u għoxrin (22) fattura esebiti f'dawn il-proċeduri, li huma lkoll iffirmati minnu għan-nom ta' Trebee Company Limited, u mibgħuta lil KSi Malta Limited. Il-Qorti semgħet lil Pierre Buontempo jispjega li kull fattura għandha fuqha deskrizzjoni tax-xogħlijiet li saru mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, fejn dan qal ukoll li l-ebda waħda minn dawn il-

fatturi ma ġiet ikkontestata minn xi ħadd mill-atturi. Qal ukoll li huwa ma kien irċieva ebda korrispondenza mingħand xi ħadd mill-atturi, jew ossija minn Joseph Gauci nnifsu, li dawn ma kinux qegħdin jaqblu mad-deskrizzjoni tax-xogħlijiet kif imniżżla fil-fattura, jew li ma kinux kuntenti bis-servizzi ipprestati lilhom. Żied jgħid li minkejja li wħud mill-fatturi ġew aċċettati minn Joseph Gauci, li ffirma taħt "*received in good condition*", kien hemm diversi fatturi oħra li ma ġewx iffirmati minnu, filwaqt li wħud mill-fatturi ġew emendati bil-kitba ta' Gauci, li naqqas l-ammont dovut fuq il-fatturi almenu fi tliet istanzi, mingħajr ma kien hemm ftehim dwar dan bejn il-partijiet.

Ix-xhud Hani Fakhry spjega fid-dettall fix-xhieda tiegħu x'kien ix-xogħol li kellu jsir fis-sit tax-Xgħajra, fejn qal li kellu jintrama *scaffolding* fuq tliet sulari, sar xogħol ta' kisi, twaħħil ta' madum mal-faċċata, tindif ta' *debris,* tneħħija ta' żebgħa, kisi u ġibs, tibjid, bdil tal-katusi, ftuħ ta' ħitan, xogħol ta' installazzjoni ta' travi, sar xogħol biex ġiet installata l-kaxxa tal-lift, sar tibdil fis-sistema tad-dawl, ġew mgħoddija trinek, u sar xogħol ta' finitura fuq il-ħitan u ċ-ċnut tal-entraturi. Dan ix-xhud qal li huwa jivvaluta x-xogħlijiet li saru minnu fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000), għalkemm żied jgħid li fl-istess żmien li huwa kien qiegħed jaħdem fuq is-sit fix-Xgħajra, kien hemm diversi kuntratturi oħra li kienu qegħdin jagħmlu xi xogħol, u mill-provi ma jirriżultax ċar jekk dawn il-kuntratturi kinux ingaġġati mis-soċjetà konvenuta nnifisha, jew inkella kinux ħaddiema oħra li ngħataw xi tip ta' inkarigu mill-attur. Dan ix-xhud ma jirriżultax li ħadem fis-sit ta' Ħal Luqa, fejn ix-xogħol kien jinvolvi li appartament wieħed inqasam fi tnejn. Pierre Buontempo, fid-depożizzjoni tiegħu spjega li x-xogħol f'dan is-sit kien jinvolvi l-ftuħ ta' bibien, l-irranġar tal-kmamar tal-banju, l-installazzjoni ta' sistemi tad-dawl u l-installazzjoni ta' *meter* tad-dawl ieħor, xogħol fil-partijiet komuni, ġarr ta' għamara, kif ukoll xogħol ta' *finishing.*

Joseph Gauci, l-attur rikonvenzjonat, qal li huwa kien qabbad lill-Perit Anthony Bezzina biex iħejji rapport bil-kubaġġ tax-xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, sabiex tinħareġ valutazzjoni tax-xogħol li sar minnha. Mir-rapport tal-Perit Bezzina esebit fl-atti, jirriżulta li dan ivvaluta x-xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti fil-prezz ta' sitt elef, u disa' mitt Euro (€6,900). Joseph Gauci sostna li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-ħlas għax-xogħol kollu li kellu jsir fiż-żewġ siti, kellu jkun ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000), għalkemm mill-provi jirriżulta ċar li ma kien hemm ebda ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, la qabel u lanqas wara li nbdew ix-xogħlijiet. Waqt id-depożizzjoni tiegħu Joseph Gauci sostna li x-xogħol mis-soċjetà konvenuta sar minn ħaddiema li mhumiex tas-sengħa, li ħadu ferm aktar żmien milli kien miftiehem biex lestew ix-xogħlijiet. Gauci spjega li filwaqt li Hani Fakhry xehed li kien huwa li barax il-ħitan ta' ġewwa tal-proprjetà tax-Xgħajra, dan ix-xogħol fil-fatt sar minn Aaron Pulis, ħaddiem inkarigat direttament mill-attur Gauci u mhux mis-soċjetà konvenuta. L-attur għamel riferiment għax-xhieda ta' Adrian Cassar, li spjega x'kienu l-problemi bis-sistema tad-dawl u l-ilma mgħoddija minn ħaddiema mqabbda mis-soċjetà konvenuta. Joseph Gauci qal li l-uniku xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta kien ix-xogħol tal-qlugħ tal-madum l-antik li kien hemm fiż-żewġ proprjetajiet, it-twaħħil ta' żewġ travi mingħajr *cladding,* u xogħol ta' tbaqqin u kisi tal-faċċata. Qal li l-ammont pretiż mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti għal dawn ix-xogħlijiet huwa wieħed esaġerat, għaliex b'mija u ħamsa u erbgħin elf Euro (€145,000) huwa rnexxielu jlesti dawn il-proprjetajiet minn kollox, b'*finishes* ta' kwalità għolja. Waħda mil-lanjanzi ewlenin ta' Joseph Gauci hija li l-fatturi ppreżentati lilu mis-soċjetà konvenuta ma jinkludux dettalji dwar ix-xogħol li sar għal dak li huwa kubaġġ u metraġġ, u huma nieqsa minn dettalji dwar il-post fejn saru x-xogħlijiet, f'liema sular saru,

u d-data ta' meta nħarġu u ta' meta saru x-xogħlijiet. Huwa żied jispjega li huwa ppretenda li s-soċjetà konvenuta tgħaddilu kont wieħed dettaljat bix-xogħlijiet kollha li saru, bid-dettalji dwar il-metraġġ/kubaġġ u l-materjali li ntużaw sabiex sar ix-xogħol. Waqt it-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti, l-atturi rikonvenzjonati ħadu l-pożizzjoni li s-soċjetà konvenuta ma rnexxielha ġġib l-ebda prova tax-xogħol li sar. Intqal ukoll li l-kreditu pretiż mis-soċjetà konvenuta huwa ffabbrikat, u li din waslet għal dan l-ammont sabiex b'xi mod tirkupra d-dsatax-il elf Euro (€19,000) li ħallset għas-servizzi ta' uditjar li pprovditilha s-soċjetà attriċi, flimkien mal-ammont ta' ftit aktar minn sittin elf Euro (€60,000) li Joseph Gauci jgħid li silef lis-soċjetà konvenuta sabiex din setgħet tipparteċipa f'sejħa għall-offerti għall-provvista ta' materjal mediku għall-awtoritajiet tas-saħħa.

Il-Qorti qieset il-provi kollha miġjuba quddiemha, partikolarment il-fatturi ppreżentati mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti. L-atturi rikonvenzjonati fl-eċċezzjonijiet tagħhom għall-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, qalu li din l-azzjoni hija perenta stante li għaddew aktar minn sentejn minn meta saru x-xogħlijiet, iżda din il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ, ladarba hemm kont jew fattura maħruġa bil-miktub, il-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta' ħames snin u mhux dak ta' sentejn, *ai termini* tal-artikolu 2151(2) tal-Kodiċi Ċivili tagħna. Għalhekk ma jistax jitqies li din l-azzjoni tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti hija perenta.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll li mill-provi jirriżulta li m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn id-ditta KSi Malta, Dennis Mark Gauci, Aldo Zammit u Brian Farrugia u s-soċjetà konvenuta, u għalhekk huwa *semmai* Joseph Gauci f'ismu personali li għandu jwieġeb għat-talbiet tas-soċjetà konvenuta

rikonvenzjonanti. Jirriżulta li kien Joseph Gauci li laħaq ftehim ma' Pierre Buontempo nomine dwar ix-xogħol li kellu jsir, kien hu li ħallas ħmistax-il elf euro (€15,000) lil Buontempo tax-xogħlijiet, u minkejja li ma nġabu ebda provi f'din il-kawża dwar dawn il-proprjetajiet lil min jappartjenu, mill-mod kif iddepona Joseph Gauci, li qal li din ma kinitx l-ewwel darba tiegħu li daħal għal proġetti ta' żvilupp ta' proprjetà, jirriżulta li kien hu li bbenefika direttament mix-xogħol li sar.

Joseph Gauci qiegħed jikkontesta l-fatturi ppreżentati mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, u fost affarijiet oħra jgħid li x-xogħol li sar ma jimmeritax ħlas ta' kważi tlieta u tmenin elf Euro (€83,000), kif ukoll li wħud mix-xogħlijiet kellhom jerġgħu jsiru peress li ma kinux saru skont is-sengħa u l-arti. Għadd ta' persuni li ħadmu fuq is-siti inkwistjoni fuq inkarigu ta' Joseph Gauci, ikkonfermaw li x-xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta mhux kollu sar skont is-sengħa u l-arti, u kellu jsiru tibdil fix-xogħol ta' tikħil, kif ukoll fis-sistema tad-dawl u l-ilma li kienet ġiet installata u li kienet difettuża. Gauci ħatar ukoll perit sabiex jirrelata dwar ix-xogħlijiet li saru mis-soċjetà konvenuta, li wasal għall-konklużjoni li l-valur tax-xogħlijiet li saru mis-soċjetà konvenuta kien jammonta għal anqas minn sebat elef Euro. Jirriżulta iżda li l-Perit Anthony Bezzina li ħejja dan ir-rapport, ma tressaqx bħala xhud fil-kawża u għalhekk ma kienx hemm l-opportunità li dan isirlu eżami u kontroeżami dwar ir-rapport imħejji minnu u r-rapport tiegħu ma kienx maħluf. Gauci jallega wkoll li l-prezzijiet li huwa qiegħed jintalab iħallas ġew fabbrikati mis-soċjetà konvenuta, u s-soċjetà konvenuta kienet waslet għat-total ta' kważi tlieta u tmenin elf Euro billi ġabret flimkien id-dsatax-il elf Euro (€19,000) mħallsa minnha għas-servizzi professjonali li ngħatat minn KSi Malta, flimkien mal-ammont ta' ftit aktar minn sittin elf Euro li hija kienet issellfet mingħand Gauci sabiex setgħet tipparteċipa

f'sejħa għall-offerti maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa. Dawn l-allegazzjonijiet iżda ma ġewx korroborati minn provi oġġettivi li kien hemm self bħal dan, u għalhekk din il-konklużjoni li wasal għaliha l-attur tibqa' mhix sostanzjata mill-provi prodotti fil-kawża.

Il-Qorti kkonsidrat il-fatturi ppreżentati mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, minn fejn jirriżulta li l-attur Joseph Gauci iffirma fuq uħud mill-fatturi bħala konferma li l-oġġetti jew is-servizzi pprovduti lilu mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti kienu waslu għandu f'kundizzjoni tajba, jiġifieri l-fattura *a fol.* 44 tal-proċess li permezz tagħha s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti ppretendiet ħlas ta' €708 għall-installazzjoni ta' *geysers* tal-ilma fl-appartamenti 8 u 8A f'Ħal Luqa; il-fattura *a fol.* 407 tal-proċess li permezz tagħha s-soċjetà konvenuta rikovenzjonanti ppretendiet il-ħlas ta' €413 għax-xogħol ta' żebgħa tal-ħitan fl-appartamenti 8 u 8A f'Ħal Luqa; il-fattura *a fol.* 48 tal-proċess fejn is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti ippretendiet il-ħlas ta' €1,752.30 għall-kiri ta' *skips* fix-Xgħajra, liema ammont iżda ġie emendat unilateralment mill-attur għal €800; il-fattura *a fol.* 52 tal-proċess fejn is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti ppretendiet il-ħlas ta' €7,552 għal xogħol ta' kisi bil-ġibs u żebgħa, liema fattura minkejja li ġiet iffirmata mill-attur ġiet ukoll emendata unilateralment minnu, u l-ammont pretiż ġie ridott mill-attur għal €3,000; il-fattura *a fol.* 53 li s-soċjetà konvenuta ħarġet għall-ħlas tax-xogħol li sar fuq it-travi, fejn qiegħed jiġi pretiż ħlas fl-ammont ta' €849.60, u fejn l-ammont ukoll ġie emendat unilateralment minn Joseph Gauci għal €580; u l-fattura *a fol.* 56 tal-proċess fejn is-soċjetà konvenuta qiegħda tippretendi ħlas fl-ammont ta' €1,534.06 għax-xogħol li sar minnha fuq tliet gallerijiet, u li ukoll minkejja li ġiet iffirmata fuq l-attur, l-ammont ta' fuqha ġie emendat unilateralment minnu għal €350. Il-fatt li l-ebda

waħda mill-fatturi l-oħrajn ma ġew iffirmati mill-attur hija prova ċara li da parti tal-attur hemm kontestazzjoni tal-ammont pretiż mis-soċjetà konvenuta. Il-fatt li wħud mill-ammonti pretiżi ġew emendati unilateralment mill-attur, ukoll juri nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet dwar l-ammont dovut, u li l-ammont pretiż mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta qiegħed jiġi kkontestat mill-attur Joseph Gauci. Dan ifisser li mill-ammonti pretiżi mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta għal xogħol li l-attur Joseph Gauci aċċetta li sar jew għal oġġetti li ġew ikkonsenjati lilu f'kundizzjoni tajba, hemm diskrepanza ta' €6,957.96 bejn dak li qiegħda tippretendi s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta bħala ħlas. Meħud kont tas-sitt fatturi kontrasenjati minn Gauci, skont is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti huwa dovut total ta' €12,808.96, filwaqt li skont l-aġġustamenti unilaterali li saru minn Gauci nnifsu fuq dawn l-istess fatturi, jirriżulta li dan qiegħed jaqbel li l-ammont dovut minnu għax-xogħol kopert b'dawn il-fatturi huwa ta' €5,851. Il-Qorti tirrileva ukoll li hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fir-rigward tal-fatturi li ma ġewx kontrasenjati mill-attur Joseph Gauci. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta ma ġabet l-ebda prova oġġettiva tax-xogħlijiet li saru minnha, u għajr għax-xhieda ta' Hany Fakhry li spjega x-xogħol li għamel hu fiex kien jikkonsisti u stmah fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000), ma tressaq l-ebda ħaddiem, kuntrattur jew sub-appaltatur ieħor sabiex jikkonferma li għamel xi xogħol f'xi wieħed mis-siti inkwistjoni. Il-Qorti tirrileva li quddiem dawn iċ-ċirkostanzi kien jispetta lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta li tagħmel talba lill-Qorti għall-ħatra ta' espert tekniku ġudizzjarju sabiex dan jivverifika l-fatturi ppreżentati minnha, u jitkejlu u jiġu vvalutati x-xogħlijiet imwettqin minnha. Jiġi rilevat li l-fatturi ppreżentati mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti ma jikkostitwixxux il-prova oġġettiva

rikjesta f'kawża ta' din ix-xorta dwar il-kreditu dovut, partikolarment meta jirriżulta li dawn il-fatturi qegħdin jiġu kkontestati mill-kontroparti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li t-talbiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti ma jirriżultawx ippruvati, ħlief għall-ammonti tal-fatturi mhux kontestati. Min-naħa l-oħra, il-kontestazzjoni tal-attur rikonvenzjonat tirriżulta li għandha bażi, partikolarment għaliex in-nuqqasijiet fix-xogħlijiet li saru mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, ġew korraborati minn xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem il-Qorti, fosthom il-fatt li ntrama *scaffolding* mis-soċjetà konvenuta li kellu jiġi sostitwit mill-attur, il-fatt li kien hemm difetti fix-xogħol tat-tikħil li sar, il-fatt li kien hemm difetti fit-'tejlijiet' li saru minn sub-appaltaturi inkarigati mis-soċjetà konvenuta u li konsegwenza ta' dan l-attur irid joqgħod attent x'tip ta' *appliances* jinstalla, u l-fatt li anki meta saret is-sistema tal-ilma, ġie stabbilit li fost l-oħrajn l-ilma ma kienx qiegħed jasal sal-kamra tal-banju.

Il-Qorti kkonsidrat dak li xehed Hany Fakhry, li għax-xogħol li huwa għamel fis-sit tax-Xgħajra, huwa jikkalkula li s-soċjetà konvenuta ħallsitu madwar ħamsa u għoxrin elf Euro, anki jekk din ix-xhieda mhix korroborata minn provi oġġettivi, għajr għall-kopja tal-FS3 forms ippreżentati minnu li jindikaw id-dħul totali annwali tiegħu bħala impjegat mas-soċjetà konvenuta. Mill-atti jirriżulta wkoll li l-attur Joseph Gauci aċċetta li l-valur tax-xogħlijiet li saru mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, kien jammonta għal sitt elef u disa' mitt euro (€6,900).[65] Kwantu għall-*invoices* ippreżentati mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta, mill-atti jirriżulta li l-*invoices* li ma ġewx ikkontestati minn Joseph Gauci u li dan aċċetta li kellu jħallas, kienu jammontaw għal €5,851,

[65] Kif ġie ċċertifikat mill-Perit inkarigat minn Joseph Gauci, Anthony Bezzina.

filwaqt li l-kumplament tat-talbiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta ma jirriżultawx ippruvati. Jirriżulta wkoll li qabel bdew ix-xogħlijiet, l-attur kien antiċipa l-ħlas ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta għax-xogħlijiet li din kellha tagħmel, fattur dan li jindika kemm bejn wieħed u ieħor kellu jkun il-valur tax-xogħlijiet miftiehma bejn il-partijiet, liema somma ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) tkopri suffiċjentement il-pretensjonijiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti li ġew ammessi jew ippruvati kif imfisser ,u għalhekk il-Qorti tqis li mill-provi ma jirriżulta li hemm l-ebda bilanċ x'jitħallas mill-attur rikonvenzjonat Joseph Gauci lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li anki f'każ li jirriżulta li l-pretensjoni tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti skont il-fatturi li ġew kontrasenjati mill-attur hija korretta[66], il-ħlas ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) imħallsa mill-attur akkont qabel inbdew ix-xogħlijiet, kien aktar minn suffiċjenti biex jagħmel tajjeb għal din il-pretensjoni, u għalhekk xorta waħda jirriżulta li m'hemm l-ebda kreditu dovut lis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-atturi rikonvenzjonati;**
2. **Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-atturi rikonvenzjonati;**

[66] It-total pretiż mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti huwa ta' tnax-il elf, tmien mija u tmien Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€12,808.96) fis-sitt fatturi li ġew kontrasenjati minn Gauci, jekk wieħed ma jikkunsidrax l-aġġustamenti li saru b'mod unilaterali minn Gauci nnifsu.

3. **Tiċħad it-talbiet kollha tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta.**

**Spejjeż a karigu tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**